**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SITTA**

**20 TA' NOVEMBRU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-kunsilliera s-Sur Kyle Mifsud, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il- Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia
Il-Kunsillier is-Sur Jeremy Coleiro

**ASSENTI**

--

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **6.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 6.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Jeremy Coleiro infurmaw li ma setgħux jattendu. Il-Viċi Sindku ikkuntatja lis-Segretarju Eżekuttiv biex javża, filwaqt li s-Sur Coleiro bagħat email li tinsab annessa mal-minuti **Doc 1.** |
| | | |
| **6.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 6.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħames seduta wara li saret din il-korrezzjoni. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fil-minuti għandhom jiżdiedu l-kliem *(u l-punti li kienu tressqu minnhom) kull darba li hemm imniżżel referendum f' punt 5.8.1. Għalhekk il-paragrafu jrid jinqara hekk kif ġej :<br>*Il-Kunsillier Kyle Mifsud f'isem l-Kunsilliera tal-PN qal li huma sa mil-bidu kienu favut tal-proġett ta' Misraħ Repubblika, imma dejjem talbu u ssuġġerew li għandu jsir referendum u l-punti li kienu tressqu minnhom u għalhekk mhux ser jiddiskutu aktar il-proġett jekk ma jsirx dan.*<br><br>*Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-kunsilliera tal-PN għalkemm jaqblu mal-proposta li qed tagħmel illum is-Sindku, għaliex huma stess kieku ssuġġerew li Triq P P Saydon li ssir one way, huma xorta jridu li jsir referendum u l-punti li kienu tressqu minnhom. Hu żied jgħid li meta il-kunsilliera f'isem il-PN kienu ħarġu bil-proposti, tali proposti lanqas biss kienu ġew ikkunsidrati biex jiġu mitkellma, dan kollu bi skop politiku.* |
| | | |
| ***6.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 6.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Prosit lill-Kunsillier Marisa D'Amato fuq l-attivita li organizzat f'isem il-Kunsill Lokali -Melodija Maltija. Hi qalet li kellha diversi ilmenti fuq li din l-attivita saret fl-Imqabba u mhux fiż-Żurrieq. Hi qalet li saret fl-Imqabba għaliex is-Surmast qal li fiż-Żurrieq il-park hu żgħir u għalhekk jekk kellu jsir fiż-Żurrieq , kien ikun hemm il-bżonn li jsir extension tal-park, u dan ma qabilx miegħu. Is-Sindku qalet li fl-Imqabba xorta kien hemm extension tal-park. Kien hemm qbil li jekk terġa ssir serata oħra simili tkun fiż-Żurrieq. Hi qalet li fil-jiem li ġejjien ser ikun hemm laqgħa bejnha, u l-Kunsillier Marsia D'Amato u s-Surmast tal-Orkestra Żurrieq.<br>• Prosit lill-Kunsillier Kyle Mifsud minħabba l-attivita tal-car show, imma kien hemm qbil li attivita simili oħra ssir fi Vjal ix-Xarolla.<br>• Ser tieħu ħsieb l-attivita tal-Karnival għal din is-sena ukoll. Ser tieħu ħsiebha hi f'isem il-Kunsill kollu, ser iżżomm lill-Kunsill infurmat u kull min jista jgħati l-għajnuna tħeġġu biex jgħin u kull attivita tkun f'isem il-Kunsill u mhux f'isem il-kunsillier, peress li l-Kunsill qed joħroġ il-fondi.<br>• Bubaqra saru d-dekorazzjonijiet tal-Milied u ġiet infurmata li t-tiżjien jeħtieġ li jiġi mibdul għal sena oħra, għax hemm bżonn manutenzjoni kbira fihom. Hi tkellmet mas-Soċjetajiet biex jiftehmu bejniethom u jgħatu prezz lill-Kunsill ta' kemm ser jiswew jekk isiru ġodda.<br>• Hi qalet li kellha ilmenti minn volontiera li jaħdmu n-nar li ma xtaqux li l-isem tat-Triq il-Vittmi tan-nar Żrieraq tkun l-istess triq tal-kamra tan-nar. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Kumitat ismijiet tat-toroq biex jinbidel dan l-isem kemm jista jkun malajr. Kien hemm qbil li l-iskop tal-Kunsill kien li jgħati ġieh lill-vittmi tan-nar permess ta' isem ta' triq u mhux li joffendi lil xi membru volontier tan-nar.<br>• Is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM ma xtaqux li jsir il-bust tal-vittmi tan-nar minħabba raġunijiet sentimentali. Il-Kunsill qed jaqbel li jitlob ittra uffiċċjali mis-Soċjeta fuq dan ir-rigward. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Hi qalet li l-fotografu miż-Żurrieq li qed jiġbed r-ritratti tal-attivitajiet qed jiġi volontarjament jieħu ritratti tal-attivitajiet li jkollu l-kunsill. Dan kollu b'rispett lejn is-Sindku. Hi qalet li hu għalhekk li meta jgħaddilha r-ritratti tkun hi li qed ittellgħhom fuq fb.<br>• Saret l-ewwel seduta tal-Kunsill tat-tfal. Kien hawn 14 il-kunsillier subien u bniet u għal din il-laqgħa flimkien magħha kien hemm preżenti l-Kunsillier Marylyn Sammut. |
| | | |
| | | |
| ***6.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 6.4.1 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li peress li fiż-Żurrieq hawn ħafna postijiet ta' interess li ftit jafu bihom ir-residenti, ġietu ħsieb, li ssir attivita kulturali, bħal Notte Bianca fejn il-pubbliku jkun jista jidħol f'dawn il-postijiet li normalment ikunu mgħaluqa. Din il-proposta intlaqet tajjeb ħafna. Kien hemm qbil li ssir fl-aħħar ta' Mejju 31 u tiġi amalgamata ma' Jum iż-Żurrieq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'din l-attivita jista jkun li fiż-Żurrieq jkollna shelter ieħor li jkun miftuħ għall-pubbliku bis-saħħa tal-Kunsill.<br><br>Ser isir kumitat għal din l-attivita u fiha kien hemm qbil li jkun hemm is-Sindku, l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Marisa D'Amato u Daniel Muscat. |
| | | |
| 6.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Fejn il-kamra tan-nar tas-soċjeta Mużikali Santa Katarina qed ikun hemm ħafna skart. Dan qed jitnaddaf ta' spiss u jerġa jitħammeġ. Jeħtieġ li ssir sorveljanza. Is-Sindku qalet li l-post jitnaddaf ta' spiss kemm minn Clean Malta u kemm mill-Kuntrattur tar-Reġjun.<br>• Hemm bżonn ta' refresh tal-linji tat-toroq fi Triq Serafin M Zarb.<br>• Bżonn ta' refurbishment tal-letrini tal-Ġibjun. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fuq il-munqar hemm sqaq li hemm bżonn li jsir no parking quddiemu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex jinqatgħu siġar li ħerġin 'l barra fi Triq Wied Babu k/m Triq Xandru D'Amato. Kien hemm qbil li terġa tissejjaħ l-għajnuna tal-Pulizija.<br>• It-traffic islands ta' Vjal l-Indipendenza k/m Triq G M Callus hemm bżonn li jiġu irranġati l-ħamrija tagħhom għaliex meta jsaqqi, qed jinżel l-ilma bil-ħamrija b'kollox fit-triq. Kien hemm qbil li tiġi llivellata l-ħamrija.<br>• Fi Triq iċ-Ċombini qed jostakolaw bieb ta' residenza 'Redentur' minħabba li ma hemmx bankina. Kien hemm qbil li ssir junction box biex tkun tista toħroġ mir-residenza tagħha.<br>• Triq Xandru D'Amato k/m Triq Wied Babu hemm bżonn li jsir parkeġġ ta' mutur. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex jinżebgħu l-poles ta' Triq Dun Ġużepp Zammit u hemm bozoz minnhom maqtughin. |

<table>
<tr><td></td><td></td><td><ul><li>Fi Vjal ix-Xarolla fil-pots li jkollhom pjanta mejta, jinbidlu fi pjanta tar-rummien.</li><li>Jeħtieġ li issir manutenzjoni tal-pjanti li hemm fi Triq P P Saydon.</li><li>Biex jitneħħa x-xibka li hemm madwar il-qsari ta’ fejn is-salib. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu parir tal-contract manager.</li><li>Hemm bżonn li ssir manutenzjoni ukoll ta’ Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa. Kien hemm qbil li jsir il-ħriet fih.</li></ul>Il-Kunsillier Daniel Muscat ħareġ mis-seduta 19:00.<br>F’dan il-ħin daħlet għas-seduta l-Kunsillier Marisa D’Amato 19:00.</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>6.4.3</td><td></td><td>Il-Kunsillier Marylin Sammut:<ul><li>Staqsiet fuq il-barumbara ta’ Triq il-Bronja. Is-Sindku qalet li meta tkellmet mas-sidien tal-barumbara qalet li talbu 400,000K għaliha biex jgħadduha lill-Kunsill jew li l-Kunsill jagħmel restawr tagħha u tingħata lill-Kunsill għal 50 sena.<br>Il-Kunsillier Marisa D’Amato qalet li l-Kunsill għandu jitlob lis-sid biex it-torri tad-dejma jingħata lill-Kunsill mingħajr ma l-Kunsill ikollu titlu fuq l-art u l-Kunsill jiddisponi minnha għal skopijiet kulturali. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jinsisti biex jiżguraw li ma tkunx periklu għall-pubbliku. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforza li din tiġi restawrata minn sidha stess, permezz ta’ Hertige Malta, s-Sovratendenza tal-wirt kulturali u lill-pulizija, biex din ma taqax.</li><li>Biex issir notice Board oħra f’Bubaqra, kien hemm qbil li jiġi maħsub il-post u terġa tiġi diskussa fis-seduta.</li><li>Biex il-parkeġġ ta’ Sqaq San Ġakbu jsir for residents only. Dan il-każ kien tqajjem ma’ TM u ma kienx hemm permess.</li><li>Biex isir bus stop ieħor f’Bubaqra viċin Triq Bubaqra. Ġiet infurmata li kien hemm wieħed u tneħħa minn TM.</li><li>Biex isiru traffic management fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin. Kien hemm qbil li nerġgħu nistaqsu lit-TM.</li><li>Hemm bżonn li ssir attivita f’Wied Fulija, bħal attivita tat-tajr. Ġie ssuġġerit li l-Kunsill jitkellem mal-Wasteserv biex issir attivita amalgamata magħhom.</li><li>F’Ġunju jeħtieġ li ssir attivita ta’ artiġjanat malti li tinvolvi ukoll l-annimali. Is-Sindku qalet li t-tiġrija taż-żwiemel li kienet ser issir f’Novembru, tħassret għax il-permess wasal tard wisq u din ser issir f’Jannar. Kien hemm qbil li t-tberik tal-annimali jssir f’Jannar u isir ġbir tal-ikel għall-annimali ħalli jingħata lis-santwarji.</li></ul></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>6.4.4</td><td></td><td>Il- Kunsillier Dino Bonnici qal:<ul><li>Fi Triq il-Belt Valletta viċin il-pompa tal-petrol isiru street bumps strips minħabba l-periklu li hemm. Kien hemm qbil li jinġib permess minn TM.</li><li>Fi Triq it-Taħħan hemm żewġ residenti li huma b’diżabilta, għandhom bżonn kaxxa safra quddiem ir-residenza tagħha. Kien hemm qbil li ssir.</li></ul></td></tr>
</table>

- Hu qal li hu flmikien mas-Sindku, attendew għal laqgħa tal-SEM. Dawn lesti li jgħatu l-għajnuna lill-Kunsill biex japplika għal proġetti tal-EU. Eventwalment ser ikun hemm applikazzjoni ta' fondi.

6.4.5 Il-Kunsillier Kyle Mifsud:

- Fit-23 ta' Diċembru ser tiġi organizzata attivita għat-tfal tal-Milied. Ser issir Cinema and Bowling day. Kien hemm qbil fuq dan.
- Ressaq petizzjoni mir-residenti ta' Triq Santa Marija biex titwaħħal tabella biex ma jgħaddux trakkijiet minn Triq Santa Marija. Kien hemm qbil li titressaq it-talba lill-TM. Kien hemm qbil li kif titwaħħal il-Kunsill jinforma lill-pulizija u lill-LESA.
- Fl-1 ta' Diċembru ser ikun hawn laqgħa mal-esebituri tal-Christmas Village.
- Fil-Auto show inġabru 250E bħala donazzjoni għas-sorijiet tan-nigret.

6.4.6 Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :

- hemm bżonn li issir tabella fi Vjal il-Blue Grotto biex dawk li jkunu ġejjin minn triq l-Imqabba (naħa tal-Bebbux) ma jdurux lejn il-pjazza.
- Twaħħal permess PA 07684/24 għal żvilupp fi Triq Ħal Millieri, li ser isir supermarket taħt l-art, u ground level ser isir garden centre u parkeġġ. Hi qalet li l-art kienet tal-knisja u issa ġiet f'idejn il-privat. It-tabella twaħħlet fi triq li tagħlaq u r-residenti tal-madwar qed juru t-tħassib tagħhom minħabba li ma jafux fejn ġejja l-entratura tal-proġett u l-inkonvenjent li ser ikollhom. Din hi art mhux mittiefsa u ilha hekk għal ħafna snin. Kien hemm qbil li l-kunsill jistenna l-veduti tal-konsulenti tal-Kunsill u jekk ikun il-bżonn is-suġġett jiġi mitkellem f'seduta oħra.

6.4.7 Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-attivita li kellha issir fl-1 ta' Diċembru fil-Mitħna tax-Xarolla hemm bżonn li tiġi posposta għal 15 ta' Diċembru. Hemm bżonn 10 stalls. Jekk ma jinstabux stalls f'ġurnata, l-attivita issir f'ġurnata oħra. Kien hemm qbil fuq dan.

***6.5 Aġġudikazzjoni ta' Tenders:***

6.5.1 Service Tender for the collection of Bulky Refuse and WEE Using Low Emission Service Vehicle for the Iz-Zurrieq Local Council.
L-offerenti kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Gordon Callus | 205,920 |
| Simply Clean | 237,240 |
| Kevin Farrugia | 217,776 |
| Dorian Scicluna | 200,000 |
| | |

L-offerent Gordon Callus hu l-orħos offerent bir-rekwiżiti kollha meħtieġa.

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li l-kuntratt jingħata lil Gordon Callus u x-xogħol jibda minn l-ewwel ta' Jannar, 2025, wara li ssir laqgħa miegħu. |
| | | |
| | | |
| 6.5.2 | | Service for Tender for the Cleaning and Upkeep of Public Conveniences in Iż-Żurrieq with a Reduced Environmental Impact.<br><br>L-offerenti kienu dawn: |

| | |
|---|---|
| Saviour Mifsud | 51890 |
| Christoper Bonello | 51420 |
| Natasha Deguara | 40000 |
| Mary Curmi | 32000 |
| Anthony Scerri | 30000 |
| JK Consulting Ltd | 109640 |
| Sandro Caruana | 28800 |
| Gordon Callus | 43200 |

| | | |
|---|---|---|
| | | L-orħos offerent u dak li kellu r-rekwiżiti kollha meħtieġa kien Sandro Caruana. Kien hemm qbil li l-kuntratt jibda mill-ewwel ta' Jannar 2025. |
| | | |
| 6.5.3 | | Kien hemm qbil li sakemm isir il-proċess tal-għeluq tat-tenders, hemm bżonn li ż-żewġ kuntratti eżistenti jiġu estiżi sal-aħħar tas-sena. |
| | | |
| ***6.6*** | | ***Art tal-Gvern f'Tal-Bebbux*** |
| | | |
| 6.6.1 | | Kien hemm qbil li wara li saret il-laqgħa mal-Għaqda Residenti Żrieraq, il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet, biex l-art viċin Triq tal-Bebbux fejn saret il-PC/00068/22 tkun devoluta lill-Kunsill, kif kienet ikkonfermata li ser tingħatha mill-Ministru stess.<br>La darba din tkun devoluta lill-Kunsill, kien hemm qbil li din ma jsir xejn fiha u tibqa kif inhi eżistenti. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***6.7*** | | ***Kunsiderazzjoni għal reviżjoni tal- Pjan Lokali fiż-Żurrieq*** |
| | | |
| 6.7.1 | | Dan l-item ukoll tressaq wara l-laqgħa li saret mal-Għaqda residenti Żrieraq.<br>Kien hemm qbil li jsir reviżjoni tal-pjan lokali li sar madawr 20 sena ilu. Bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u t-tekniċi jkun hemm għan komuni li ssir ħidma u ssir reviżjoni. Ħalli jekk hemm xi art tal-Gvern/Privat, li għadha mhix mittifsa, għandha tibqa kif inhi. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet imqabbda tikteb lill-Ministru kkonċernat. |
| | | |
| ***6.8*** | | ***Bust ta' Dr Maria Sciberras*** |
| | | |
| 6.8.1 | | Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu appuntament għal-laqgħa mal-FSWS fir-rigward tal-bust fl-10 ta' Diċembru, 12:30. Infurmat li min irid jiġi jista jattendi. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***6.9*** | | ***Triq il-Bronja*** |
| | | |
| 6.9.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li Triq Bronja hi triq arterjali fiż-Żurrieq u differenti minn toroq oħra. Triq il-Bronja hi dejqa biex tiflaħ traffiku eċċessiv.<br>Hu qed jipproponi li tinkiteb email lill-Transport Malta hawn annessa **Dok 2.**<br>Kien hemm qbil li tintbgħat l-email li inqrat mill-Kunsillier Dino Bonnic. |
| | | |
| 6.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva petizzjoni mhux iffirmata, fuq l-oġġezzjoni tas-sleeping policeman li hemm fi Triq il-Bronja, dan minħabba l-istorbju li tagħmel meta jgħattu l-vetturi minn fuqha. Dok mehmuż 3.<br>Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Infrastructure Malta biex din is-sleeping policeman titwessa. |
| | | |
| ***6.10*** | | ***Approvazzjoni ta' xogħol wara probation tal-iskrivani*** |
| | | |
| 6.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskirvani li daħlu ġodda f'Diċembru jiskadilhom il-probation period tagħhom.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ż-żewġ skrivani jagħmlu xogħlhom tajjeb u s'issa kummenti pożittivi biss għandha fuqhom. Qed titlob lill-Kunsill l-approvazzjoni biex dawn iż-żewġ impjegati jkunu ingaġġati u approvati mal-kunsill lokali. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***6.11*** | | ***Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*** |
| | | |
| 6.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn li l-Kunsill Lokali jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv, għal dak li jista jinqala. Kien hemm qbil li minħabba li fil-Kunsill hemm żewġ impjegati fuq skala 10, tali rwol ikun maqsum bejn it-tnejn. L-ewwel sitt xhur tas-sena tkun l-impjegata Maria Briffa Callus u fit-tieni sitt xhur tas-sena tkun Charmaine Atanasio. |
| | | |
| | | F'dan il-ħin 21:00, kien hemm qbil unanimu, li l-items kollha fuq l-aġenda jiġu mitkellma kollha. |
| | | |
| ***6.12*** | | ***Budget tal-Attivitajiet*** |
| | | |
| 6.12.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn l-attivitajiet ikun hemm budget għalihom u ma jinqabiżx ħafna l-ammont. |
| | | |
| 6.12.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft tal-Budget 2025 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***6.13*** | | ***SPI-SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 6.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġet skema għal fondi fuq l-attivitajiet tal-karnival 2025.<br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali japplika għal tali fondi u jimxi fuq l-attivita li saret għall-ewwel darba s-sena l-oħra u jiżdiedu xi affarijiet biex l-attivita tkun akbar. |
| | | |
| ***6.14*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***6.15*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 6.15.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Fix-xahar ta' Diċembru l-Kunsill Lokali jkollu bżonn jsejjaħ laqgħa annwali tal-Komunita. Kien hemm qbil li tali laqgħa tkun fil-ġurnata tas-seduta tal-Kunsill li jmiss. Data 11 ta' Diċembru. Din tkun qabel is-seduta tal-Kunsill, fil-17:30.<br>• Fi Triq iċ-Ċombini viċin ħanut tal-merċa intalbet bollard tal-plastic biex il-vetturi ma jgħalqux l-aċċess għal garage. Meta l-persuna ċċempel l-għassa mhux dejjem tkun moqdija. Ma kienx hemmx qbil fuq dan.<br>• Ġie ssuġġeriet li jinxtara *confined gas detector* biex meta jinfetaħ xi shelter ikun jista jintuża biex ikun ta' safety għal min jidħol fih. Hi qalet li pruvat tiġbor tliet stimi imma irnexxiela tiġbor waħda biss. |
| | | |
| ***6.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 6.10.1 | | Inqraw il-minuti tar-Reġjun Punent numru 41 u 42. |
| | | |
| ***6.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 6.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok2** għall-ammont totali ta' €182,885.50<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Marylyn Sammut. |
| | | |
| ***6.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 6.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:55. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru, 2024, fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' DIĊEMBRU, 2024

| | |
|---|---|
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |